MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Numru 7/2004

**Ir-Repubblika ta Malta**
**Vs**
**Ramadan El Mezoughi Elhadi**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 7 tas-sena 2004 kontra l-akkuzat Ramadan El Mezoughi Elhadi, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi sal-bidu tas-sena elfejn u tlieta, Ramadan El Mezoughi Elhadi kien ilu cirka tnax-il sena jigi w jmur Malta minn pajjizi Gharab, principalment il-Marokk. F'dawn l-itinerarji, u fil-perjodu ta' lejn l-ahhar tas-sena elfejn u tnejn u l-bidu tas-sena 2003, huwa bena kuntatti sodi ma' certi persuni involuti fit-traffikar tad-droga, fosthom Salah Muftah, Mahras, Ratib u certu Abdul Hamid.

Fl-imsemmi perjodu, u sas-sitta ta’ Frar tal-imsemmija sena 2003, El Mezoughi Elhadi kien ta’ spiss qieghed izomm kwantitajiet ta’ droga differenti ghan-nom tal-imsemmija traffikanti, jew uhud minnhom, skond il-kaz.

Fid-data msemmija tas-6 ta’ Frar, 2003, il-Pulizija irrompiet fl-appartament fejn allura kien qieghed joqghod El Mezoughi Elhadi, u cioe’ gewwa l-fond 30, Alex Flats, Flat numru 1, Triq il-Kapuccini, San Gwann, fejn hemmhekk, minn tfittxija li ghamlet l-istess Pulizija, gewwa sejf, instabet kwantita’ kbira ta’ herojina, madwar kilo, b’valur potenzjali ta’ eluf kbar ta’ liri Maltin, li kienet fil-pussess tal-istess El Mezoughi Elhadi.  Barra dik l-herojina, instabu wkoll kwantitajiet ta’ flus, fosthom ammont ta’ cirka tnax-il elf u tmin mitt Dollaru Amerikan.

Ghar-ragunijiet li ga’ ssemmghu aktar il-fuq, El Mezoughi Elhadi eventwalment kellu jghaddi l-imsemmija herojina lil xi hadd mit-traffikanti tad-droga li originarjament kien fdaha w ikkonsenjaha temporanjament lil El Mezoughi Elhadi, wara li kienet, xi zmien qabel, giet importata Malta mil-Libja.

Ta’ dan kollu, El Mezoughi Elhadi kien imwieghed kumpens fi flus, f’ammont konsiderevoli, mill-imsemmija traffikanti tad-droga.

Illi d-droga herojina hija droga specifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-imsemmi Ramadan El Mezoughi Elhadi ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga.  Anqas kien b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu.  Anqas giet id-droga msemmija fornita lill-istess Ramadan El Mezoughi Elhadi ghall-uzu tieghu skond xi ricetta kif provdut fir-regolamenti.

Illi b’eghmilu l-imsemmi Ramadan El Mezoughi Elhadi sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija

tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ramadan El Mezoughi Elhadi, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghaliha tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltin izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija, (LM50,000) w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-

konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u proprjeta’ tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta’ mobbli jew proprjeta’ immobbli jkunu qeghdin f’xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat

2) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni  Kap, illi fil-perjodu w fir-cirkostanzi msemmija fil-kap precedenti, Ramadan El Mezoughi Elhadi, minbarra li kien qieghed izomm ghan-nom ta’ haddiehor id-droga herojina hemm imsemmija, kien qieghed ukoll izomm, dejjeM ghan-nom ta’ haddiehor, id-droga tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis (komunement maghrufa bhala haxixa).  Huwa kien qieghed fil-pussess taghha w kien qieghed jghassisha sabiex, kif u meta mitlub minn haddiehor, u cioe’ Salah Muftah, jew Mahras, Ratib jew certu Abdul Hamid, jew ilkoll flimkien, jghaddiha lilu jew lilhom skond il-kaz, bil-ghan li din l-istess droga tigi traffikata w mghoddija lil terzi persuni bi qliegh.  Ta' din il-bicca xoghol kollha, Ramadan El Mezoughi Elhadi kien imwieghed ammont sostanzjali ta' flus bhala kumpens.

Gara li meta l-Pulizija ghamlu tfittxija fil-fond li allura kien jirrisjedi fih Ramadan El Mezoughi Elhadi, u cioe’ gewwa l-fond 30, Alex flats, flat numru 1, Triq il-Kapuccini, San Gwann, u dana fis-6 ta’ Frar, 2003, huwa nstab li kien fil-pussess xjenti ta' kwantita' sostanzjali ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis, ghalkemm mhux fi kwantita' hekk kbira bhal ma kienet l-herojina li wkoll kienet fil-pussess xjenti tieghu.

Illi b’eghmilu l-imsemmi Ramadan El Mezoughi Elhadi sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima III tal-

Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ramadan El Mezoughi Elhadi, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat w illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija, (LM50,000) w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li

dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i), 22(2)(b)(i), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat illi waqt is-seduta tal-15 ta’ Lulju, 2004, l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqgha jtenni t-twegiba li hu kien hati;

Tiddikjara ghalhekk lil Ramadan El Mezoughi Elhadi hati li :-

1. fis-6 ta’ Frar, tas-sena 2003 u lejn l-ahhar tas-sena elfejn u tnejn (2002) u l-bidu tas-sena elfejn u tlieta (2003) kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta ) , meta ma kienx fil-pussess t’ awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’ xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’ xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif

provvdut fir-regolamenti msemmija ; b' dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu , w dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza, u

2. talli fl-istess data tas-6 ta' Frar, 2003 kellu fil-pussess tieghu id-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta ), meta ma kienx fil-pussess t' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoini jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b' xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provvdut fir-regolamenti msemmija ; b' dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu , w dan skond it-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza.

Semghet ix-xhieda ta' L-Ispettur Josric Mifsud u t-Tabib Jean Franco Spiteri;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur dwar il-piena;

Qieset is-sottomissjonijiet **kollha** dwar il-piena maghmula mill-abbli difensur , li jinsabu kollha registrati w senjatament, <u>imma mhux biss</u>, is-segwenti :-

1. li l-akkuzat ghamel ammissjoni bikrija;
2. li ilu fuq sbatax il-xahar jinzamm taht arrest preventiv;
3. li llum ghandu tnejn u sittin sena;
4. li qed isofri minn kundizzjoni medika kronika;
5. li fl-istatement tieghu kkopera u ta diversi ismijiet lil Pulizija u ta l-informazzjoni kollha li setgha jaghti;
6. li hu kien medded skond ma qal fl-istqarrija;

7. li d-droga ma kienitx tieghu;
8. u li kellu l-kondotta nadifa.

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur u cioe' li hawn sitrattava ta' zewg tipi ta' droga u fil-kaz ta' l-eroina, kellu circa kilo u li anki jekk dak li qal lil Pulizija kien veru, dan ma jbiddel xejn mill-posizzjoni legali tal-akkuzat;
Li l-artikolu 29 tal-Kap. 101 mhux applikabbli ghal dan il-kaz u li l-kondizzjoni medika ta' l-akkuzat, kif irrizulta mix-xhieda tat-Tabib kienet wahda kronika u kontrollata u ma kienetx tipprezenta xi problemi ta' sahha straordinarji u li ghalhekk il-piena kellha tkun bejn tnax u erbatax il-sena u l-multa kellha tkun bejn tnax u erbatax il-elf lira.

Rat illi l-Prosekuzzjoni taqbel illi l-fedina penali tal-hati hija nadifa;

Ikkonsidrat

Li ghalkemm il-piena ghar-reati kollha ammessi mill-hati hija dik ta' ghomor il-habs, l-Artikolu 492 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu w ghal fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ghal prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena;

Illi inoltre skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hatja, il-kondotta ta' qabel tal-hatja, il-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat , il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f' kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta'mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

Illi raguni ewlenija li adduciet id-difiza biex il-piena tigi mitigata fir-rigward kienet il-fatt li l-hati ammetta fi stadju bikri .

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran relattiv mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) li jigbor fih il-prassi tal-Qrati Inglizi u li gie citat u addottat ripetutament mill-Qrati taghna.

Ikkonsidrat ;

Mill-banda l-ohra pero' din il-Qorti ma tistax tinjora li hawn si trattava ta' 744.0 grammi eroina ta'purita ta' circa 42%, 172.61 grammi ohra t'eroina ta' purita' ta' circa 26% u 13.22 grammi ta' raza tal-cannabis ta' purita' ta' circa 23%, (fols.134 et seq. tal-process) kif ukoll il-fatt li d-delitti ammessi mill-hati qed ikun ta' pjaga kbira ghas-socjeta' Maltija w ta' kawza ta' rovina tal-hajja ta' tant persuni, partikolarment zaghzagh , li qed jinhakmu mill-vizzju tad-droga biex minn fuq darhom l-importaturi w traffikanti tad-droga jew il-komplici taghhom jaghmlu qliegh kbir ta' flus .

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a)(b), 9, 10(1), 12, 14 (1) (5), 20, 22 (1) (a),(2) (a)(i)(ii)(aa), (b) (i) u 26,(1)(2), 27 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) w r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 17 (b), 20, 22, 23, 31, 492 (1) u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-hati Ramadan El Mezoughi Elhadi ghall-piena ta’ tlettax (13) il- sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati hawn minnu ammessi - u ghall-multa ta’ erbatax il-elf lira Maltin (LM14,000), li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti fi tmintax (18) il-xahar prigunerija skond il-ligi vigenti w applikabbli, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ tlitt mija w wiehed u tletin lira u hamsa w ghoxrin centezmu, (LM331.25c.) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali w tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati ;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti , li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hatja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------